

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 84/2009

tat-3 ta' Lulju 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 <sup>(1)</sup>.
- (2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/83/KE tat-23 ta' Jannar 2009 li temenda r-Regolament (KE) Nru 752/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-Iskema tal-IMO ta' Numru tal-Identifikazzjoni Uniku għall-Kumpaniji u s-Sidien Irreġistrati <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 56bb (Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim:

"kif emendat minn:

- **32009 D 0083**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/83/KE tat-23 ta' Jannar 2009 (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 53)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/83/KE fil-lingwa Iżlandiża u fil-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2009, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(1) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 28.

(2) ĠU L 29, 31.1.2009, p. 53.

(\*) L-ebda rekwiżit konstituzzjonali mhuwa indikat.